# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 7 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Guramentat Nru. 35 / 15RGM**

**Kawza fil-lista: 26**

**A B**
**vs**
**C B;**
**D E;**
**L-Avukat Joseph Mizzi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li permezz ta' digriet datat 17 ta' Novembru 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-minuri F B; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti A B mizzewga lill-konvenut l-iehor C B li minn mieghu qed tissepara perrnezz ta' kawza quddiem din l-istess Onorabbli Qorti;

2. Illi fl-20 ta' Jannar 2011 twieled tifel minn relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut l-iehor D E, bl-isem ta' F B liema tifel huwa l-wild naturali u bijologiku ta' l-intimat D E;

3. Illi c-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri skorrettement jindika bhala missier l-istess minuri, lill-konvenut C B;

4. Illi l-imsemmi tifel minuri, F B ma kellux il-pussess ta' stat legittimu li jaqbel ma' l-att tat-twelid;

5. Illi hemm ghalhekk lok li c-certifikat tat-twelid tal- istess minuri F B jigi emendat fis-sens illi l-paternita' ta' l-istess minuri tkun korrettement tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-imsemmi D E huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri F B.

Ghaldaqstant ir-rikorrent qiedgha, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri F B mhux it-tifel naturali u biologika tal-intimat C B izda t-tifel naturali u biologika ta' l-attur D E li twield fl-20 ta' Jannar 2011 minn relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat D E, b'mod li hemm lok ghal korrezjoni ta' l-att tat-twelid tal-istess minuri f'dan is-sens; u konsegwentement;

2. Tordna li l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri, att numru 372 / 2011, jigi korrett billi: fil-kolonna 'Isem u kunjom Missier it-tarbija', il-kliem 'C B' jigu sostitwiti bil-kliem 'D E'; fil-kolonna 'Dokumenti ta' l-identita', Missier it-tarbija', in-numri, '0281410M' jigu sostitwiti bin-numri, '069375M'; fil-kolonna 'Eta' Misssier it-tarbija' in-numru '40' jigi sostitwit bin-numru '36'; fil-kolonna 'Fejn Joqghod Missier it-tarbija' il-kliem 'Busketto L/O Dingli' jigu sostitwiti bil-kelma ‘Birkirkara’; fil-kolonna ‘Isem u kunjom il-missier’ u jekk hux haj jew mejjet' il-kliem 'Alphonse B (Alive)' jigu sostitwiti bil-kliem'Vincent E (Alive)'.

Bl-ispejjez kontra l-intimati millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, Direttur tar-Registru Pubbliku, li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi in vena preliminari, l-esponent jirrileva li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li la darba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri F B, din l-azzjoni kellha tkun

preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligiiiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri F B, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti A B u l-konvenut D E jridu jipprovaw li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri F B, kellhom relazzioni extramaritali bejniethom, u barra minn hekk jipprovaw xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lill-intimat C B. bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

4. Illi fl-istess waqt minghajr hsara ghas-suespost, ir-rikorrenti A B trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81, tal-Kap 15 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li 1-pussess ta' stat tal-minuri F B, ma jaqbilx ma' l-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' registr azzjoni progressiv tlett mija, tnejn u sebghin (372) tas-sena elfejn u hdax (2011);

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri F B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil-konvenut D E, sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta` tieghu meta twieled il-minuri F B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled il-minuri F B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferit F B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv tlett mija, tnejn u sebghin (372) tas-sena elfejn u hdax (2011);

7. Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri F B a tenur tal-Artikolu 77 C tal-Kap 16 tal-Ligij iet ta' Malta;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija 1-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem C B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid ta' F B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv tlett mija, tnejn u sebghin (372) tas-sena elfejn u hdax (2011);

9. Illi inoltre, bla hsara ghal fuq espost, fit-talba taghha r-rikorrenti ma talbitx sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba mir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid relattiv. Huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Civili a tenur ta' l-Artikolu235 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba kif postulata mir-rikorrenti ma titlob l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi ghalhekk li t-talba f'dan ir-rigward kellha ssir fis-sens li din l-Onorobbli Qorti tordna lid-Direttur tnr-Registru Pubbliku jaghmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid relattiv" ;

10. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat r-risposta tal-Avukat Dottor Joseph Mizzi u l-Prokuratur Legali Mario Bonnici, nominati kuraturi biex jirrappresentaw lill-minuri F B, li ddikjaraw li ma kienx ghad sar kuntatt mal-minuri u ghalhekk m’humiex edotti mill-fatti li taw lok ghall-kawza, u f’kas li jaghmlu kuntatt, irriservaw li jippresentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

Rat r-riferti posittivi tal-konvenut C B, li gie notifikat fit-28 ta’ Jannar 2016, Fol 22 a tergo, u dik tal-konvenut D E li gie notifikat fit-22 ta’ Dicembru 2015, Fol 25;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016, meta il-konsulent legali tal-attrici talab awtorizzazzjoni fit-termini tal-Artikolu 77(c) tal-Kap 16 biex l-attrici tipprocedi, nghata digriet 'seduta stante' mill-Qorti, fejn nghatat l-awtorizzazzjoni u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku giet indirizzata u sorvolata, in oltre, gie dikjarat mill-attrici u l-konvenut D E ma oggezzjonax, li f'kas li t-talbiet attrici jigu akkolti il-minuri jiehu il-kunjom "E B"; u l-Qorti nnominat lill-Dottor Marisa Cassar biex tikkonduci t-testijiet tad-DNA;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016, meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

PROVI.

It-Tabiba Dottor Marisa Cassar, halfet r-rapport taghha fl-4 ta' Ottubru 2016. Dan ir-rapport Fol 38 u 39, DNA PATERNITY TEST REPORT jikkonkludi li l-konvenut D E hu bil-probabilita' ta' 99.9999%, il-missier biologiku tal-minuri F B.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Mic-Certfikat tat-Twelid tal-minuri, F B, Certifikat Numru 372/2011, Fol 10, jirrizulta li l-imsemmi minuri twieled, fl-20 ta' Jannar 2011, u l-attrici A B hi indikata bhala omm it-tarbija, u l-konvenut C B hu indikat bhala, missier it-tarbija.

Skond l-Artikolu 67 tal-Kap 16:

" L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

L-attrici fir-rikors guramentat taghha tiddikjara li qed tissepara minn zewgha il-konvenut C B u jirrizulta li huma de facto separati.

Skond l-Artikolu 77 tal-Kap 16, il-filjazzjoni ta' tifel mwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min jkollu interess, u fic-cirkostanzi specifici indikati fl-istess artikolu.

L-attrici qed tipprocedi b'din il-kawza fit-termini tal-Artikolu77B tal-Kap 16. Skond dan l-artikolu l-attrici tinhtiegli tipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel t-twelied tat-tarbija hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qed jintalab li jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel, u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Fil-kas in ezami rrizulta li l-attrici u zewgha huma de facto separati billi ma ghandhomx l-istess indirizz, u in oltre, t-test tad-DNA jindika li l-missier naturali u biologiku hu l-konvenut D E.

L-Artikolu 77C tal-Kap 16 jimponi terminu ta' sitt xhur mit-twelied tat-tifel, biex issir tali talba giudizzjarja, pero' skond il-proviso tal-istess Artikolu , il-Qorti tista' f'kull zmien taghti din l-awtorizzazzjoni. Dan qed jigi rilevat in vista tat-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, u b'referenza partikolari ghall-awtrizzazzjoni li nghatat minn din l-Qorti b'digriet moghti 'seduta stante' fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016 Fol 34.

It-test tad-DNA kondott mill-esperta gudizzjarja Dr Marisa Cassar iccertifika prattikament b'certezza illi t-talbiet attrici huma fondati.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-minuri F B mhux it-tifel naturali u biologiku tal-konvenut C B, izda hu t-tifel naturali u biologiku tal-konvenut D E

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tordna li jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet fl-att tat-twelid numru 372/2011 kif mitluba mill-attrici.

3. Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom "E B".

L-ispejjez jithallsu mill-attrici u mill-konvenut D E in solidum bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**